**EŻAMIJIET ANNWALI**
**TAL-*JUNIOR LYCEUM* U L-ISKOLA SEKONDARJA 2004**
Taqsima ta' l-Assessjar Edukattiv – Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni

**IL-ĦAMES SENA** **RELIĠJON** **Ħin: Siegħa u tliet kwarti**

Isem: ________________________________ Klassi: ________________

## Taqsima A **(36 marka)**

**Wieġeb dawn il-mistoqsijiet**

1. Liema sagrament ikompli jsaħħaħ l-identita' u l-istima li nirċievu fil-Magħmudija?

______________________________________________________________

______________________________________________________ (2 marki)

2. Lil min qiegħed jirrappreżenta l-Blandun?

______________________________________________________________

______________________________________________________ (2 marki)

3. X'tifhem bil-kelma 'kuxjenza'?

______________________________________________________________

______________________________________________________ (2 marki)

4. Xi tfisser 'Domma tal-Fidi'?

______________________________________________________________

______________________________________________________ (2 marki)

5. Min hu s-Sid tal-ħajja?

______________________________________________________________

______________________________________________________ (2 marki)

6. Kif tħares il-Knisja llum lejn il-piena kapitali?

______________________________________________________________

______________________________________________________ (2 marki)

7. Xi jfissru l-kliem 'katekumenu' u 'battisteru'?

______________________________________________________________

______________________________________________________________

______________________________________________________________

______________________________________________________ (4 marki)

8. Xi jfissru: a) l-abort

(2 marki)

b) l-ewtanasja

(2 marki)

9. Ikteb **erba'** raġunijiet għaliex kull bniedem għandu l-ħtieġa fundamentali li jkollu stima tajba tiegħu nnifsu?

(8 marki)

10. Semmi **erba'** raġunijiet għaliex il-bniedem għandu jaħdem.

(8 marki)

**Taqsima B** **(16-il marka)**

**Aqra sewwa din is-silta u wara wieġeb il-mistoqsijiet dwarha.**

**"Smajna li hemm xi wħud fostkom li qegħdin jitgħażżnu, m'humiex jaħdmu, imma qegħdin jinħlew fix-xejn. Lil dawn in-nies nordnawlhom u nwissuhom, f'isem Sidna Ġesu' Kristu, biex jaħdmu sewwa u l-għajxien tagħhom jaqilgħuh. Jekk xi ħadd ma jridx jaħdem, dan anqas ma għandu jiekol." (2 Tess 3, 6-12)**

1. Għaliex San Pawl wissa lil min ma jaħdimx?

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________ (2 marki)

2. San Pawl iħeġġeġ lill-Insara ta' Tessalonika biex 'jaħdmu sewwa'.
   Ikteb dwar **erba'** dmirijiet tal-ħaddiema fuq il-post tax-xogħol.

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________ (8 marki)

3. X'għandu bżonn iżomm f'moħħu min iħaddem biex iħares id-dinjita' tal-ħaddiema tiegħu? Aħseb dwar każijiet ta' **mard** u ta' **diżabilita'**, dwar **l-eta'** u **s-sess** tal-ħaddiema.

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________ (6 marki)

## Taqsima Ċ (48 marka)

**Fuq karta separata wieġeb fit-tul għal <u>TNEJN</u> minn dawn l-erba' mistoqsijiet li ġejjin.**

**1. Il-Magħmudija hija l-pedament ta' l-akbar stima li għandu jkollna tagħna nfusna.**

a. Semmi u fisser tliet bidliet li jseħħu fina fil-Magħmudija. (9 marki)
b. X'għamel fina l-Ispirtu s-Santu fil-Griżma? (6 marki)
ċ. In-nisrani hu xhud ta' Kristu kullimkien. Ikteb dwar kif żgħażagħ ta' l-eta' tiegħek juru li huma xhieda ta' Kristu fil-postijiet tad-divertiment:
(i) b'imġibithom.
(ii) bi kliemhom.
(iii) fl-għażla ta' ħbiebhom.
Ikteb tliet sentenzi fuq kull waħda (9 sentenzi b'kollox). (9 marki)

**2. "Is-Setgħani għamel Miegħi ħwejjeġ kbar" (Lq. 1, 28)**

a. Ikteb ġrajja mill-ħajja tal-Madonna li fiha wriet verament li hi kellha fidi kbira f'Alla. (6 marki)
b. Għaliex lill-Madonna nsejħulha:
i. Dejjem Verġni
ii. Omm Alla
iii. Immakulata Kunċizzjoni (6 marki)
ċ. Agħti **erba'** eżempji li bihom tfisser kif inti tista' timita lil Marija, Omm Ġesu', fil-ħajja tiegħek ta' kuljum. (12-il marka)

**3. "Għalhekk, mela, raġel iħalli lil missieru u 'l ommu u jingħaqad ma' martu u t-tnejn isiru ġisem wieħed. Għalhekk m'humiex iżjed tnejn, imma ġisem wieħed. Mela dak li għaqqad Alla m'għandux jifirdu l-bniedem." (Mk. 10, 7-9)**

a. Liema huma r-raġunijiet tajbin li għalihom in-nisrani għandu jidħol għaż-żwieġ? (6 marki)
b. L-imħabba taż-żwieġ titlob:
(i) l-indissolubilita' (li r-rabta taż-żwieġ ma tinħallx)
(ii) il-fedelta'
(iii) l-unita'.
Ikteb **erba'** sentenzi fuq kull waħda minn dawn it-tlieta (12-il sentenza b'kollox). (12-il marka)
ċ. X'tgħallem il-Knisja dwar :
(i) it-tnissil responsabbli ta' l-ulied
(ii) id-divorzju (6 marki)

**4. "Jiena ġejt fid-dinja biex ikollkom il-ħajja, u l-ħajja bil-kotra." (Ġw. 10,10)**

b. Ikteb **tliet** ġrajjiet mill-ħajja ta' Ġesu' li fihom hu wera kemm għandu interess fil-ħajja tal-bnedmin ħutu. (9 marki)
c. Liema Sagrament Ġesu' afda f'idejn il-Knisja bħala sinjal tal-imħabba Tiegħu lejn il-morda u xi frott iħalli dan is-Sagrament f'min jirċevih? (9 marki)
ċ. X'tista' tagħmel int għall-morda fil-komunita' li tgħix fiha? Fisser b'**żewġ** eżempji. (6 marki)